**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 326/12VG**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali Nru. 1833/12 tad-19 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi**

**Vs**

**Rainbowmix Concrete Limited**

**Illum 11 ta' Jannar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Rainbowmix Concrete Limited fis-26 ta' Settembru 2012 permezz ta' liema titlob li l-Qorti tiddikjara t-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif dedotta fl-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1833/12 datata 19 ta' Lulju 2012, infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu: (i) in linea preliminari, it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu, hekk kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni Guramentata annessa ma' l-Ittra Ufficjali in kwistjoni, il-licenzja WT/0697/1990 ghalqet fit-30 ta' Novembru 1999 u ghalhekk l-ebda ammont ma jista' jkun minnha dovut lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghal xi perijodu sussegwenti ghat-30 ta' Novembru 1999; (iii) jispetta unikament lid-Direttir ghas-Servizzi Korporattivi li jressaq prova cara u skond il-Ligi ta' l-ammont minnu mitlub u tas-servizzi minnu rezi, hekk kif mitlub mill-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iv) it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi hija infondata fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi;

Rat ir-Risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi permezz ta' liema filwaqt li fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kwinkwennali a

tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta rriduca t-talba originali tieghu ta' €2,025.15 ghal €674.11, jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda in kwantu rigwarda s-somma ta' €674.11, bl-ispejjez kontra l-imsemmija socjetà, stante li t-talba tieghu ghall-hlas ta' aretrati tal-licenzja hija gusta u timmerita konferma billi – (a) is-socjetà Rikorrenti hija fil-pussess ta' Wireless Telegraphy Apparatus – MAXON SMX4150 0030476 Base, MAXON SMX4150 00304746 Mobile Vehicle Reg. No. W 0349; MAXON SMX4150 00304764 Mobile Vehicle Reg. No. B 7668; MAXON SMX4150 00304850 Mobile Vehicle Reg. No. W 2668; (b) id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jagixxi bis-sahha ta' l-Att XII ta' l-2010 li fost affarijiet ohra fl-Artikolu 2(3) jipprovdi li: "Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmlu tahtu meta jidhol fis-sehh din l-artikolu" u ghadda biex intavola l-Ittra Ufficjali bin-Numru 1833/12 kontra s-socjetà Rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) il-fatt li l-licenzja WT/0697/1990 ghalqet fit-30 ta' Novembru 1999, ma huwiex ta' pregudizzju ghad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi stante li l-licenzja kif taghlaq kull sena terga' tigi mgedda u ghalhekk it-talba ghall-hlas hija gust in kwantu s-socjetà Rikorrenti qatt ma kienet spussessata mill-licenzja tul dawn is-snin. Fir-rigward issir referenza ghall-Artikolu 3(1) ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (ii) ebda ma persuna ma ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali moghtija bil-miktub mill-Ministru, taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat"; (c) di più, mill-2010 'l hawn, ir-Radjokomunikazzjoni bdiet taqa' taht l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jesigix licenzja ghall-pussess ta' l-apparat ta' radjokommunikazzjoni izda li jesigi licenzja ghall-installazzjoni jew uzu ta' apparat ta' radjokommunikazzjoni – Artikolu 32. Is-socjetà Rikorrenti kienet giet avzata b'dan permezz ta' ittra indirizzata lilha datata 3 ta' Jannar 2012, izda baqghet ma ghamlet l-ebda komunikazzjoni/dikjarazzjoni jew affidavit lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni sabiex twaqqaf l-uzu jew l-installazzjoni ta' l-apparat ta' radjokomunikazzjoni;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 13 sa' 19 tal-process;

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ipprezentata fid-19 ta' Dicembru 2012[1], in forza ta' liema t-talba originali ta' €2,025.15 rapprezentanti hlas ta' arretrati tal-licenzja WT/0697/1990 giet ridotta ghal €674.11;

[1] Fol. 20 tal-process.

Semghet ix-xhieda ta' Brian Buhagiar in rapprezentanza tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Jannar 2013[2], ta' l-4 ta' April 2013[3] u tas-7 ta' Ottubru 2013[4] u rat id-dokumenti esebiti waqt din l-ahhar seduta markati Dok. "FS1" sa' Dok. "FS3" a fol. 51 sa' 65 tal-process, rat l-affidavit ta' Marc Aquilina u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' April 2013 a fol. 31 sa' 34 tal-process, rat id-dokument esebit mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' April 2013 a fol. 35 u 36 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Jean Karl Farrugia[5] u ta' Marc Aqulina[6] moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 u rat id-dokumenti esebiti mid-difensur tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 markati Dok. "DS1" sa' Dok. "DS3" a fol. 41 sa' 43 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Ivan Borg in rapprezentanza ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013[7];

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Articraft Creative Services" Appell Civili Nru. 120/13 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Settembru 2014 esebita mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fis-26 ta' Settembru 2014 a fol. 74 sa' 90 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1833/12 datata 19 ta' Lulju 2012, id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi interpella lis-socjetà Rainbowmix Concrete Limited, Rikorrenti f'dawn il-proceduri, thallas is-somma ta' €2,025.15 rapprezentanti arretrati ta' hlas tal-licenzja WT/0697/1990, liema licenzja ghalqet fit-30 ta' Novembru 1999[8]. Is-socjetà Rainbowmix Concrete Limited però topponi ghal din it-talba u fil-fatt bil-proceduri odjerni, istitwiti a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob li l-Qorti tiddikjara t-talba avvanzata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattiv fil-konfront taghha infondata fil-fatt u fid-dritt.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza t-talba taghha fuq is-segwenti ragunijiet: (i) in linea preliminari, it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu, hekk kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni

[2] Fol. 24 sa' 29 tal-process.
[3] Fol. 37 u 38 tal-process.
[4] Fol. 66 tal-process.
[5] Fol. 44 sa' 46 tal-process.
[6] Fol. 47 sa' 49 tal-process.
[7] Fol. 67 sa' 71 tal-process.
[8] Dok. "A" a fol. 13 sa' 15 tal-process.

Guramentata annessa ma' l-Ittra Ufficjali in kwistjoni, il-licenzja WT/0697/1990 ghalqet fit-30 ta' Novembru 1999 u ghalhekk l-ebda ammont ma jista' jkun minnha dovut lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghal xi perijodu sussegwenti ghat-30 ta' Novembru 1999; (iii) jispetta unikament lid-Direttir ghas-Servizzi Korporattivi li jressaq prova cara u skond il-Ligi ta' l-ammont minnu mitlub u tas-servizzi minnu rezi, hekk kif mitlub mill-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iv) it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

In kwantu rigwarda l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà Rikorrenti, jirrizulta li d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jaccetta u jammetti li t-talba tieghu ghall-hlas ta' l-arretrati tal-licenzja WT/0697/1990 ghal dawk is-snin li jigu qabel il-hames snin appena precedenti is-sena 2012, ossia ghas-snin 1999 – 2006, hija preskritta[9] u fil-fatt ghadda biex jirriduci t-talba tieghu minn €2,025.15 ghal €674.11 permezz ta' Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fid-19 ta' Dicembru 2012[10]. Fid-dawl ta' tali riduzzjoni fit-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, il-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravju preliminari tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevat mis-socjetà Rikorrenti.

Mill-bqija d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda – vis-à-vis it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €674.11 – stante li: (a) is-socjetà Rikorrenti hija fil-pussess ta' Wireless Telegraphy Apparatus – MAXON SMX4150 0030476 Base, MAXON SMX4150 00304746 Mobile Vehicle Reg. No. W 0349; MAXON SMX4150 00304764 Mobile Vehicle Reg. No. B 7668; MAXON SMX4150 00304850 Mobile Vehicle Reg. No. W 2668; (b) id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jagixxi bis-sahha ta' l-Att XII ta' l-2010 li fost affarijiet ohra fl-Artikolu 2(3) jipprovdi li: "Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmlu tahtu meta jidhol fis-sehh din l-artikolu" u ghadda biex intavola l-Ittra Ufficjali bin-Numru 1833/12 kontra s-socjetà Rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) il-fatt li l-licenzja WT/0697/1990 ghalqet fit-30 ta' Novembru 1999, ma huwiex ta' pregudizzju ghad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi stante li l-licenzja kif taghlaq kull sena terga' tigi mgedda u ghalhekk it-talba ghall-hlas mill-1999 sa' l-2011 hija gust in kwantu s-socjetà Rikorrenti qatt ma kienet spussessata mill-licenzja bejn dawn is-snin. Fir-rigward issir referenza ghall-Artikolu 3(1) ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (ii) ebda ma persuna ma ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali moghtija bil-miktub mill-Ministru, taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat"; (c) di più, mill-2010 'l hawn, ir-Radjokomunikazzjoni bdiet

[9] Dok. "B" a fol. 18 tal-process.
[10] Fol. 20 tal-process.

taqa' taht l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jesigix licenzja ghall-pussess ta' l-apparat ta' radjokomunikazzjoni izda li jesigi licenzja ghall-installazzjoni jew uzu ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni – Artikolu 32. Is-socjetà Rikorrenti kienet giet avzata b'dan permezz ta' ittra indirizzata lilha datata 3 ta' Jannar 2012, izda baqghet ma ghamlet l-ebda komunikazzjoni/dikjarazzjoni jew affidavit lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni sabiex twaqqaf l-uzu jew l-installazzjoni ta' l-apparat ta' radjokomunikazzjoni.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ebda hlas ta' arretrati ma huwa minnha dovut lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghall-licenzja WT/0697/1990 ghas-snin 2007 sa' 2011, la taht l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas taht l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana billi ma hemm l-ebda prova li hija ghad ghandha fil-pussess taghha u taghmel uzu mill-apparat kopert b'din il-licenzja. In sostenn ta' tali posizzjoni s-socjetà Rikorrenti taghmel referenza ghal u tistrih fuq dak osservat u konsegwentement deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Articraft Creative Services Limited, Appell Civili Nru. 120/13** deciza fl-24 ta' Settembru 2014, esebita a fol. 75 sa' 90 tal-process. Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li ebda hlas ta' penali ma huwa minnha dovut lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi stante li ebda penali ma tista' tigi minnu imposta f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' arretrati fuq licenzji mahruga minnu. In sostenn ta' tali kontestazzjoni s-socjetà Rikorrenti taghmel referenza ghal u tistrih fuq dak osservat u deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Sovereign Hotels Limited, Appell Civili Nru.269/12** deciza fit-18 ta' Ottubru 2013.

Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi jikkontendi però li s-socjetà Rikorrenti ghandha thallas l-arretrati ghall-licenzja WT/0697/1990 u l-penalitajiet imposti stante li l-istess socjetà ma segwietx il-procedura kontemplata fil-Ligi biex b'mod formali tinforma lid-Direttur li ma kellhiex iktar fil-pussess taghha u/jew ma kenitx ghadha qed taghmel iktar uzu mill-apparat kopert bil-licenzja u konsegwentement biex titlob il-kancellament ta' l-istess licenzja.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Articraft Creative Services Limited, Appell Civili Nru. 120/13** deciza fl-24 ta' Settembru 2014, fir-rigward ta' posizzjoni simili adottata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi f'dawk il-proceduri. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *stabbilit kwindi illi l-licenzja baqghet wahda valida mad-dhul fis-sehh tal-ligi l-gdida* (u dan a tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att XII ta' l-2010) *u l-applikazzjoni ghall-istess tad-disposizzjonijiet tal-ligi li kienu jirregolaw l-istess fiz-zmien meta kienet ghadha fis-sehh, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 6 tal-Kapitolu 49 li jistabilixxi dak li ghandu jsehh meta l-licenzja ma tkunx qed tithallas mill-licensee, procedura*

*li jidher li ma gietx segwita mid-Direttur f'dana l-kaz billi l-licenzja baqghet tigi imgedda awtomatikament ghalkemm baqghet ma thallsitx ghal diversi snin u ghalkemm il-licensee kien avza lid-Direttorat illi l-apparat ma kienx ghadu fil-pussess tieghu.* ***Illi d-Direttur appellat isostni illi kien fid-dmir tal-licensee illi jipprezenta affidavit sabiex isostni li ma kenitx responsabilità tieghu illi jivverifika dawn il-fatti kif spjegati mill-licensee. Il-ligi madanakollu kienet tghid mod iehor u cioè illi kien jispetta lid-Direttur jiehu azzjoni fl-eventwalità illi l-licensee ma kienx qed jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-licenzja u ma kienx qed jaghmel il-hlas relattiv, liema azzjoni kienet twassal mhux biss ghal imposizzjoni ta' multi u penalitajiet izda wkoll ghar-revoka tal-licenzja relattiva***[11]*. L-inattività minn naha tad-Direttorat wasslet ghall-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri fejn intalab il-hlas ghal diversi snin uhud minnhom sahansitra kienu waqghu preskritti.*

Bhala fatt u kif gustament osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), il-Kapitolu 49 u l-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdu l-procedura li ghandha tigi segwita **mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi/Ministru responsabbli ghall-Komunikazzjoni/l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni** f'kaz illi *licensee* ma jottemperax ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Ligi, fosthom ghalhekk il-hlas ghat-tigdid tal-licenzja. Ghalhekk jekk il-*licensee* ma jkunx qed jaghmel uzu minn dak l-apparat – a differenza ta' li ma jkunx iktar fil-pussess ta' l-apparat ghaliex hawn hemm procedura stabbilita fil-Ligi li trid tigi segwita mill-*licensee* kif ser jinghad iktar 'l quddiem f'din is-sentenza – u b'hekk ihoss li ma ghandux ihallas ghat-tigdid tal-licenzja, id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghandu d-dritt li jipprocedi fil-konfront tieghu kif kien provdut fl-Artikolu 6 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikoli 28 jew 30 tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux jistenna li jkun il-*licensee* li jinfurmah bin-non-uso ta' tali apparat.

Detto ciò, il-Qorti ma tistax taghmel iktar referenza ghal u tistrih fuq dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Articraft Creative Services Limited**, kif invece pretiz mis-socjetà Rikorrenti stante li l-fatti relattivi ghall-kaz in ezami huma differenti mill-fatti relattivi ghal dawk il-proceduri decizi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *gustament allura l-appellanti iressaq l-agravvji minnu sollevati illi l-ebda hlas ma hu dovut ghas-snin 2006 sa' 2011 billi f'dawn is-snin huwa ma kellux* ***la fil-pussess u iktar tard meta giet emendata il-ligi lanqas l-uzu ta' dan l-apparat billi kien informa lid-Direttur sahanistra mis-***

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

***sena 2001 li dan l-apparat ma kienx ghadu fil-pussess tieghu u kwindi illi l-licenzja dak iz-zmien skond il-ligi u id-diskrezzjoni tal-Ministru relattiv setghet giet revokata minghajr ebda azzjoni ohra da parti tal-licensee***[12]*. Illi dina l-Qorti ma tistax taqbel mal-paragun migjub mill-Ewwel Qorti dwar licenzji mahruga ghal vetturi billi dawn huma regolati b'disposizzjonijiet tal-ligi ad hoc li ma ghandhom l-ebda somiljanza mal-ligi in dizamina. Illi ghalhekk l-Qorti taqbel mar-ragunament milhuq minn din il-Qorti kif diversament ippresjduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited deciza fit-18 ta' Ottubru 2013 fejn gie deciz: "L-ewwel aggravju tas-socjetà jirrigwarda l-arretrati reklamati mid-Direttur relattivi ghas-snin 2007, 2008 u 2009. Is-socjetà tissottometti illi fir-rigward ta' dawn l-arretrati hu applikabbli l-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jipprovdi in generali li hemm bzonn li jkun hemm licenza mahruga skond il-ligi f'kaz illi xi persuna ikollha fil-pussess taghha apparat tar-radjokomunikazzjoni. Skond is-socjetà jirrizulta mill-provi li matul is-snin 2007, 2008 u 2009, hi ma kienitx fil-pussess ta' xi apparat u kwindi ma kienx mehtieg minnha li tkun licenzjata skond l-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 49. Skond is-socjetà l-ammonti relattivi ghall-imsemmija snin ma kellhomx jigu inkluzi fl-arretrati li d-Direttur qed jitlob. It-tieni aggravju tas-socjetà jirrigwarda l-ammont li qed jitlob id-Direttur ghas-snin 2010 u 2011. Skond is-socjetà ghall-imsemmija snin ghandhom japplikaw il-provedimenti tal-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici (Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta). Is-socjetà tirreferi ghall-artikolu 30(2) tal-istess Att li jistipula li hemm bzonn li jkun hemm licenza fil-kaz li xi hadd ikun irid jinstalla jew juza xi appararat tal-komunikazzjoni elettronika. Skond is-socjetà, fis-snin in kwistjoni hi semmai kienet biss fil-pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni u ghalhekk ma kellhiex bzonn licenza stante li ma kenitx qed tuza l-istess apparat. Skond is-socjetà dan il-fatt lanqas ma hu kontestat mid-Direttur. In vista ta' dawn l-aggravji s-socjetà tikkonkludi li addirittura ebda ammont ma hu dovut lid-Direttur bhala arretrati fil-hlas ta' licenzji." "Effettivament din il-Qorti thoss li dawn l-artikoli huma applikabbli.* ***Difatti l-artikolu 3 tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta hu applikabbli stante li ma jirrizultax sufficjentement li s-socjetà kellha fil-pussess taghha, fis-snin 2007, 2008 u 2009, apparat, ghall-liema pussess kien hemm bzonn ta' licenza. Inoltre ghas-snin 2010 u 2011, ma jirrizultax sodisfacjentement li s-socjetà kellha fil-pussess u kienet qed tuza xi apparat. Kwindi skond l-artikolu 30(2) tal Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta) ma kienx hemm bzonn li jkun hemm licenzja. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tas-socjetà li ma hu dovut l-ebda ammont lid-Direttur bhala arretrati***.*"[13] Illi din il-Qorti thoss li ma ghandha xejn iktar x'izzid ma' dak diga deciz fis-sentenza hawn fuq iccitata billi f'dan il-kaz,*

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

*kwazi identiku,* ***huwa fatt mhux ikkontestat illi l-apparat mertu tal-kawza la kien fil-pussess tas-socjetà appellanti u kwindi inqas u inqas hija kellha l-uzu ta' l-istess ghas-snin fejn qed jigi reklamat il-hlas u cioe' ghas-snin bejn l-2006 u l-2011***[14].

Mill-bran appena citat jirrizulta ferm car li l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) f'entrambe l-kazijiet sahqet ferm fuq il-**pussess** ta' l-appart kopert bil-licenzja iktar milli fuq l-uzu ta' dak l-apparat.

L-Artikolu 3 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li *hadd ma jista' ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu ebda apparat ta' telegrafija minghajr fili jew apparat mahsub biex ikun uzat bhala parti li taghmel sehem minn dak l-apparat; u hadd ma jista' jbiegh jew jittrasferixxi dan l-apparat lil persuna li ma jkollhiex il-licenza hawn fuq imsemmija u kull min ghandu taht il-kontroll tieghu dan l-appart, bil-licenza jew minghajr il-licenza tal-Ministru ghandu, meta jigi mitlub, jikkunsinna dan l-apparat lill-Ministru jew kif dan jordna; u kull minn jikser id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu jsir hati ta' reat kontra din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza.*

L-Artikolu 28(1) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *ebda persuna m'ghandha, minghajr ma jkollha licenza individwali tar-radjokomunikazzjoni moghtija bil-miktub mill-Ministru tinstalla jew tuza apparat preskritt mill-Ministru* u l-Artikolu 30(2) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, li japplika ghal dak l-apparat li ma jaqax taht l-Artikolu 28 ta' l-Att, jipprovdi li: *ebda persuna m'ghandha, minghajr licenza individwali tar-radjokommunikazzjoni moghtija bil-miktub mill-Awtorità, tinstalla jew tuza xi apparat.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta li l-pussess ta' l-apparat baqa' centrali ghall-finijiet ta' htiega ghal licenzja mahruga mill-Ministru jew mill-Awtorità skond il-kaz, u dana anke taht il-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta li kjarament jipprovdi li licenzja hi mehtiega f'kaz li persuna **tinstalla** **jew** **tuza** apparat ta' radjokomunikazzjoni. Bla dubju ta' xejn jekk persuna se tinstalla jew gia kellha installat tali apparat, l-istess se jkun fil-pussess taghha anke jekk ma taghmilx uzu minn dak l-appart. Hija propria din il-kwistjoni tal-pussess ta' l-apparat kopert bil-licenjza WT/0697/1990 li tifforma l-qofol tal-proceduri in ezami.

Fl-affidavit tieghu Marc Aquilina, in rapprezentanza tas-socjetà Rikorrenti, jiddikjara li *rrid nispjega illi dawn ir-radios kienu waqfu jintuzaw mill-kumpannija fl-1999, u cioè meta kien beda jidhol sew l-uzu tal-mobile phones. Fil-fatt, il-haddiema tal-kumpannija ghadhom sa' llum jaghmlu uzu mill-mobile phones tal-kumpannija sabiex jikkomunikaw ma' xulxin, u dan kemm ghaliex dawn huma aktar konvenjenti w anke ghaliex it-tariffi tal-*

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.

*konsum rahsu sostanzjalment matul is-snin, specjalment ghal min ikollu pakketti specjali mal-providers tas-servizz, minhabba n-numru ta' linji registrati f'ismu, bhal ma ghandha l-kumpannija. … Minn ricerka illi jiena ghamilt gewwa l-ufficini taghna, jirrizulta illi l-kumpannija kienet kitbet lid-Direttur, permezz ta' zewg ittri tat-13 ta' Frar 2008, u infurmatu fost ohrajn, illi hija kienet waqfet taghmel uzu minn dawn ir-radios proprju fl-1999, u cioè dik is-sena li l-ahhar kien sar il-hlas relattiv. … Wara l-1999, dawn ir-radios kienu tnehhew mill-post tan-negozju tal-kumpannija, u ghalhekk l-istess kumpannija qatt ma kienet talbet li l-licenza relattiva tigi mgedda. Nikkonferma, ghalhekk, illi bejn l-2007 u l-2011, il-kumpannija ma kenitx fil-pussess ta' dawn ir-radios billi dawn lanqas biss kienu ghadhom installati fil-post tan-negozju taghna, u ghalhekk ma ghamlet l-ebda uzu minnhom matul dan l-istess perijodu*[15].

L-ittri li jaghmel referenza ghalihom Marc Aquilina jinsabu a fol. 33 u 34 tal-process u fihom jinghad: ittra indirizzata lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni minn Marc Aquilina datata 13 ta' Frar 2008 – *kindly be informed that Rainbowmix Concrete Limited no longer has a Private Land Mobile Radio licence as from 1999*[16] u fl-ittra indirizzata lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mll-Avukat Dottor Jan-Karl Farrugia ukoll datata 13 ta' Frar 2008 – *is-socjetà mittenti kienet waqfet il-licenzja taghha tal-Private Land Mobile Radio fl-1999 u ghaldaqstant l-ebda ammont m'hu dovut bhala arretrati ta' renewal ghall-imsemmija licenzja. Konsegwentement l-ebda penalitajiet fuq l-arretrati ma jistghu jintalbu mid-Dipartiment*[17].

Mistoqsi ulterjorment dwar l-ittra minnu indirizzata lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni datata 13 ta' Frar 2008, Dr. Jan-Karl Farrugia ddikjara li: *niftakar li fil-fatt il-kwistjoni kienet meta kien twaqqaf is-servizz tar-radio kif nispjega hawnhekk "ninfurmak li s-socjetà mittenti" jigifieri Rainbowmix, "kienet waqfet il-licenzja taghha tal-private Land Mobile Radio fl-1999" li huma dawn il-hand helds jekk jidhirli sew li kienu juzaw ghax-xoghol taghhom "fl-1999 u ghalhekk ebda ammont ma huwa dovut bhala arrearati jew renewal ghall-imsemmija licenzja". Issa niftakar li kien twaqqaf is-servizz jigifieri post 1999 kienu baqghu jircievu l-kontijiet imbaghad naturalment kien hemm il-penali li baqghu jigu kkalkulati fuqhom u l-kontestazzjoni min-naha taghna kienet li la twaqqaf is-servizz fl-1999, jigifieri bhala arretrati u penalties were not actually due.* Mistoqsi in kontro-ezami *kif wasalt ghall-konkluzzjoni li fl-1999 kien twaqqaf is-servizz?* Dr. Farrugia rrisponda *mill-informazzjoni naturalment li jaghtina l-klijent, ma niftakarx jekk kienx hemm fil-file, ghax is-sur Aquilina kien izomm kollox, ta' kull vettura, ta' radios u kien ikollu files ta' kull oggett, u niftakar li kellu korrispondenza precedenti.*

---

[15] Fol. 32 tal-process.
[16] Fol. 33 tal-process.
[17] Fol. 34 tal-process.

Mistoqsi in kontro-ezami[18] dwar dan l-allegat kancellament/waqfien tal-licenzja da parte tas-socjetà Rikorrenti fl-1999, Marc Aquilina iddikjara li kellu jaghmel il-verifiki mehtiega mir-*records* fl-ufficini tas-socjetà, izda baqa' ma pproduca l-ebda dokument u/jew korrispondenza li turi li, kif affermat fl-ittri ta' l-2008, fl-1999 kien intalab il-waqfien/kancellament tal-licenzja in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti ghalhekk jirrizulta li *dato ma non concesso* li s-socjetà Rikorrenti maz-zmien ma baqghetx tuza l-apparat kopert bil-licenzja WT/0697/1990, ma hemmx prova sodisfacenti u tanto meno konklussiva li dan l-apparat ma baqghax installat u fil-pussess ta' l-imsemmija socjetà. Ghalkemm Marc Aquilina xehed li s-socjetà Rikorrenti kienet nehhiet dan l-apparat, huwa ma specifikax il-mod kif dan gara. In verità u presumibilment il-modi kif is-socjetà Rikorrenti setghet iddisponiet mill-apparat in kwistjoni huma jew billi bieghet dan l-apparat jew inkella billi ddisponiet minnu bhala *non-servicable apparatus*, f'liema zewg kazijiet kellha tigi segwita procedura *ad hoc*, liema procedura però ma jirrizultax illi saret.

Kemm-il darba s-socjetà Rikorrenti bieghet l-apparat certament kien fl-interess taghha li tgharraf lid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi u/jew lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni b'dan il-fatt ghaliex altrimenti tibqa' hi rikonoxxuta bhala l-*licensee* u b'hekk responsabbli ghall-hlasijiet tal-licenzja – Artikolu 4(1) tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta, haga li però ma rrizultax b'mod sodisfacenti li saret. Kemm il-darba ddisponiet minn dan l-apparat bhala *un-serviceable* ossia ma jissewwiex, hija kellha ssegwi l-procedura stabbilita fir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 49.10 u fir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 399.41, li però ma jirrizultax li sar f'dan il-kaz. B'hekk anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kellu jitqies li l-appart in kwistjoni fattwalment ma baqghax installat ghand u fil-pussess tas-socjetà Rikorrenti, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi dana ma jistax jigi ikkunsidrat bhala tali, iktar u iktar meta ma jirrizultax b'mod car u konklussiv u accettat mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi li l-istess Direttur u/jew l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni kienu gew infurmati b'tali fatt.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li s-socjetà Rikorrenti ghandha thallsa ghall-arretrati tal-licenzja WT/0697/1990 pretizi mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghall-perijodu bejn t-30 ta' Novembru 2007 u t-30 ta' Novembru 2011.

Raggunta din il-konkluzzjoni, il-Qorti ghandha issa tittratta l-element l-iehor li jifforma parti mill-pretensjoni tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, ossia l-element tal-penali.

[18] Seduta tas-17 ta' Gunju 2013, fol. 47 sa' 49 tal-process.

Mis-somma pretiza ta' €674.11 hemm l-ammont ta' €34.80 rapprezentanti penali amministrattiva ghan-nuqqas ta' hlas tal-licenzja.

Fir-rigward ta' l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva ghan-nuqqas ta' hlas tal-licenzja l-Ligi, kemm taht il-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht il-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri kienet tipprovdi s-segwenti:

**Artikolu 6 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta** - *Persuna li tkun hatja ta' reat kontra din il-parti ta' din l-Ordinanza jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn elf lira dwar kull apparat, u meta jinstab hati t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u dik il-prigunerija flimkien; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jigi kkonfiskat u kkunsinnat lill-Ministru: Izda minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel, il-Ministru jista' dwar reat li jsir ghall-ewwel darba, jaghmel ftehim bil-miktub mal-hati li permezz tieghu dak il-hati jhallas is-somma ta' mitt lira, u malli dak il-ftehim jigi ffirmat mill-Ministru u mill-hati u jsir il-hlas ta' dik is-somma, kull responabbilità kriminali tal-hati dwar dak ir-reat ghandha tintemm: Izda wkoll li l-Ministru jista' jaghmel kull ftehim bhal dak suggett ghal li l-hati jcedi favur il-Gvern l-apparat li dwaru jkun sar ir-reat. (2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra xi persuna illi, ghax kellha licenza tat-telegrafija minghajr fili u tkun naqset li thallas id-dritt stabbilit ghat-tigdid taghha, thallas, fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-licenza, jew f'dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, id-dritt tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza, lanqas ma ghandha tittiehed xi azzjoni jekk, wara li jiskadi l-imsemmi perjodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, persuna kif hawn aktar qabel imsemmija thallas fi zmien sebat ijiem minn meta issirilha talba bil-miktub biex hekk thallas, f'dak l-ufficcju li jigi hekk indikat fit-talba, penali li tkun daqs darbtejn id-dritt tal-licenza fil-kaz ta' drittijiet tal-licenza sa' tnax-il lira u hamsa u ghoxrin lira fil-kaz ta' drittijiet tal-licenza ta' izjed minn tnax-il lira, b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid tal-licenza. (3) Meta tkun dovuta penali taht is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew tkun dovuta multa imposta taht is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, licenza mahruga taht din l-Ordinanza lill-persuna li minnha tkun dovuta ma ghandhiex tkun dovuta sakemm, flimkien mad-dritt stabbilit, ma thallasx ukoll il-penali jew il-multa dovuta kif imsemmi.*

**Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 399.37** - *minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att u tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, l-ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra persuna illi, ghax kellha licenza tar-radjokumunikazzjoni u tkun naqset li thallas id-dritt dovut ghat-tigdid taghha, thallas fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-lcenza jew sa' dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, il-hlas tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza; (2) Ma ghandha tittiehed ebda azzjoni jekk,*

*wara li jiskadi dak il-perijodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, dik il-persuna thallas fl-ufficcju skond ma jigi indikat f'talba li ssirilha, fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub il-penali ta' hdax-il Euro u sittin centezmu (€11.60) b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta' dik il-licenza.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta ferm car li kemm taht il-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht il-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta – jew ahjar ir-Regolamenti maghmula tahtu – il-hlas tal-penali huwa wiehed fakoltattiv ghall-persuna li jkun naqas li jhallas il-licenza u dana sabiex jevita li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu, u ghalhekk f'azzjoni civili ghall-hlas tal-licenza ma ghandu u ma jistax jintalab il-hlas tal-penali wkoll. Kif inghad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Balzan v. Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, Avviz Nru. 212/04**, deciza fit-23 ta' April 2008: *dan il-hlas huwa wiehed fakoltattiv ghal persuna li jkun naqas li jhallas il-licenza. L-intimat semmai, jekk jara li r-rikorrent ma jrid ihallas din il-multa amminsitrattiva, missu pproceda quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni kriminali taghha* u kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi v. Sovereign Hotels Limited**, **Appell Civili Nru.269/12** deciza fit-18 ta' Ottubru 2013, *l-artikoli in kwistjoni* [f'dak il-kaz ir-Regolament 4(1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 399.37], *jipprovdu basikament ghal termini li fihom ghandhom jithallasu l-licenzji. In oltre f'dawn l-istess artikoli, in partikolari fis-subartikolu (2) tissemma wkoll 'penali ta' hdax-il Euro u sittin centezmu (€11.60) b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta' dik il-licenza". Din il-penali tissemma fil-kuntest ta' meta l-hlas tal-licenza jsir sa' certu zmien wara talba bil-miktub ghall-hlas ta' l-arretrati tal-licenza u ta' l-imsemmija pneali. Jidher ghalhekk li l-penali in kwistjoni m'ghandhiex tigi imposta semplicement f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas tal-licenza. F'dan ir-rigward is-socjetà tissottometti li l-imsemmija penali hi applikabbli biss meta jkun sar ftehim volontarju dwar xi tilwima. Ovvjament it-tilwima tkun bejn id-Direttur u xi licenzjat. Kwindi l-penali mhux applikabbli ghal kaz in kwistjoni. Ma kien hemm ebda ftehim volontarju bejn id-Direttur u s-socjetà* - ftehim li fil-fatt lanqas ma jirrizulta fil-kaz in ezami. *Ghas-socjetà ghalhekk il-penali tista' biss tigi imposta bhala parti minn ftehim volontarju. L-ghan ahhari ta' dan il-ftehim hu li d-Direttur ma jipprocedix ulterjorment kontra l-licenzjat. Din l-interpretazzjoni tas-socjetà hi aktar logika u ragjonevoli. Din taqbel ma' tali interpretazzjoni. Jekk il-licenzjat jibqa' ma jhallasx id-dritt tal-licenzja, d-Direttur ikun jista' jiehu l-azzjoni ulterjuri li tippermettilu l-ligi, però ma jistax jitlob ukoll il-hlas tal-penali. Isewgi li fil-kaz in ezami d-Direttur m'ghandu l-ebda dritt li jimponi penali. Il-provvedimenti kkwotati mill-istess Direttur ma jaghtux tali dritt.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk is-somma ta' €34.80 rapprezentanti l-penali amministrattiva pretiza mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ma hijiex lilu dovuta mis-socjetà Rikorrenti in kwantu fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz id-Direttur ma ghandu l-ebda jedd u dritt jimponi u jesigi hlas ta' tali penali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevat mis-socjetà Rikorrenti u dana fid-dawl tan-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fid-19 ta' Dicembru 2012 li biha rriduca l-pretensjoni originali ta' €2,025.15 ghal €674.11, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjetà Rikorrenti limitatament ghas-somma ta' €34.80 rapprezentanti penali amminsitrattiva imposta u pretiza mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, in kwantu ma ghandu ebda jedd u dritt ghal tali pretensjoni, izda tichadha fir-rigward tas-somma ta' €639.31 rappreznetanti arretrati ta' hlas ghall-licenzja WT/0697/1990 ghall-perijodu 30 ta' Novembru 2007 sat-30 ta' Novembru 2011, in kwantu t-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi ghall-hlas ta' tali arretrati hija fattwalment u guridikament gustifikata.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/3 mis-socjetà Rikorrenti u ghal 2/3 mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**